# *Il-Gżejjer Gidaxx*


THIS NEWSPAPER IS ONE HUNDRED PER CENT AMERICAN
San Francisco Chronicle
GREAT WAR OVER
Foe Signs Truce; Fighting Ceases On French Front
EX-EMPEROR FLEES WITH HINDENBURG TO HOLLAND
Berlin Seized by Red Forces in Big Popular Uprising
CITY SHOUTS ITS JOY IN WELCOME TO PEACE NEWS

Kien żmien ikrah ħafna. Kienet għadha kif spiċċat l-ewwel gwerra dinjija imma kulħadd kien qed jifraħ. Il-Ħarifa tal-1919 ġabet magħha serħan tal-moħħ li tal-inqas il-gwerra kienet intemmet. It-tliet aħwa Julia, Edmund u Melissa kienu marru joqogħdu man-nanna Trina biex ikunu kemm jista' jkun il-bogħod miċ-ċentru tal-belt fejn il-gwerra kienet ħakmet sew. Flus ma kellhomx u n-nanna kienet qed tibża' li ser ikollha tbiegħ id-dar.



Darba fost l-oħrajn it-tfal marru jesploraw id-dar fis-sular ta' fuq. In-nanna ma kenitx tħallihom jitilgħu fuq iżda dakinhar ma qalet xejn għax ħasbet li ma kinux ser idumu jgawduha d-dar sabiħa li kellhom. Julia skopriet kamra kemmxejn imwarrba. Fetħet il-bieb iżaqżaq bla tbatija ta' xejn. Edmund lemaħ pittura ferm sabiħa ta' xini f'baħar imqalleb. Hekk kif missha beda joħroġ ħafna ilma. IL-kamra bdiet timtela bl-ilma u Melissa ppruvat tiftaħ il-bieb. Julia marret tgħinha waqt li Edmund beda jwerżaq kemm jiflaħ. Ma setgħu jagħmlu xejn iżjed... għerqu t-tlieta.

Stenbħu mxarrbin għasra minn rashom sa saqajhom. Sabu ruħhom f'xatt mimli ramel. Raw ix-xini għaddej. It-tfal bdew ixejru u jgħajtu b'kemm saħħa kellhom. U x-xini dawwar ir-rotta. Fil-pront niżlu għalihom b'xi dgħajjes iżgħar. It-tfal tmeżmżu naqra. Dawn kienu pirati fuq kollox. Laqgħuhom, tawhom x'jieklu, il-gvieret biex jisħnu u pprovdewlhom il-friex biex jorqdu.



Julia ħasset xi ħaġa iebsa taħt il-friex. Sabet djarju antik. Hekk kif fetħitu waqgħet karta mitwija. Kienet mappa ta'

Gyllain Pace

teżor li jinsab fuq il-gżira kbira ta' Gidaxx eżattament fil-bitħa l-kbira tal-kastell. Urietha lil ħutha u ħbietha ġo ħobbha.



Filgħodu x-xini rmonka f'Port kbir. Il-pirati niżlu jixtru l-ikel u munizzjon ieħor. It-tlett itfal niżlu wkoll mix-xini. Lemħu l-kastell jiddomina l-għolja. Mela din kienet il-gżira tat-teżor!!

Lebbtu b'saqajhom ma' daharhom lejn l-għolja tal-kastell. Ixxabbtu mal-kanċell u spiċċaw waqgħu fil-bitħa... eżattament fejn xtaqu. Iffissaw għajnejhom mal-art u ppruvaw jgħarrxu għal dan l-imbierek teżor. F'daqqa waħda Melissa għajtitilhom. Kienet taħt siġra b'kaxxa żgħira f'idejha mimlija deheb u djamanti.



Julia u Edmund ħassew xi ħaġa ppuntata ma' daharhom. Kienu l-pirati bl-ixkubetti ma' daharhom irrabjati għax kienu ħbew minnhom din is-sejba. Ġew imkaxkra bis-selvaġġ lejn ix-xini. Il-kaptan ordna lit-tfal jiġu mormija l-baħar meta jsalpaw fil-fond.

Hekk ġara. It-tfal telgħu fuq planka u wieħed wieħed intefgħu fil-baħar. Ma setgħu jagħmlu xejn iktar... għerqu t-tlieta.

Stenbħu... nexfin qoxqox. Sabu ruħhom fil-kamra ta' fuq fid-dar tan-nanna, propju taħt il-kwadru. Din id-darba x-xini kien fuq baħar kalm bil-pirati ferħanin jgħollu t-teżor.




Baqgħu imbellħin; iħarsu lejn xulxin; ma jafux x'kien ġara. Tgħid kienet ħolma? Iżda fil-pront, Melissa daħlet idejha fil-but u ħarġet kullana tad-djamanti. Julia kien għad kellha l-mappa f'ħobbha. Id-dar tan-nanna kienet salva. Mela ma kinitx ħolma imma storja ta' avventura.

<u>Gyllain Pace 1 Coral</u>